# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Jannar 2019**

**Numru 6**

**Rikors numru 206/12 AL**

**Michelle Borg f'isimha u bhala kuratrici ad litem ta' wliedha minuri Karl u Kurt**

**v.**

**Christopher Borg**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fl-4 ta' Ottubru 2017 li l-partijiet l-aktar importanti taghha qed jigu riprodotti ghal ahjar intendiment:

> "Rat ir-rikors tal-attrici, li permezz tieghu ippremettiet :
>
> "Illi hija u l-intimand izzewgu fid-9 ta' Settembru 1989 u ghandhom tlett itfal : Thea (maggorenni), Karl (ta' 17-il sena) u Kurt (ta' 15-il sena);

“Illi sentejn ilu l-intimand – li huwa ngaggat mal-Forzi Armati ta’ Malta – qataghha li jiehu sehem f’missjoni militari ta’ sena shiha fil-Georgia u malli gie lura deher li kien persuna mibdula u qal li ma jafx x’ried minn hajtu. Qataghha li jerga’ isiefer darbtejn ohra kontra x-xewqa tal-esponenti;

“Illi illum il-hajja konjugali bejniethom m’ghadhiex aktar possibbli minhabba sevizji u ingurji gravi u inkompatibilita’ ta’ karattri kif ukoll nuqqas ta’ hlas xieraq ta’ manteniment ghall-esponenti u t-tlett itfal. Thea li ghalkemm ghandha 21 sena ghadha tistudja, Karl ta’ 17-il sena u Kurt ta’ 15-il sena, u ghalhekk hi kellha tmexxi b’dil-kawza wara li nghatat il-permess mehtieg : Dok B;

“Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. “Tiddikjara l-firda personali bejn il-konjugi Borg ghar-ragunijiet imputabbli unikament lil zewgha Christopher Borg;

2. “Tafda l-kura u l-kustodja taz-zewg ulied minuri Karl u Kurt Borg f’idejn l-esponenti;

3. “Tiffissa retta alimentari xierqa ghall-esponenti u t-tlett uliedha u tikkundanna lil zewgha jhallas din ir-retta;

4. “Tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwidaha u taqsamha bejniethom;

5. “Tikkomina kontra l-intimand id-dispozizzjonijiet tal-art 48 tal-Kodici Civili;

6. “Tawtorizza lill-attrici biex ma uliedha biss – ie ad eskluzzjoni tal-intimand – li tibqa’ tghix fid-dar taz-zwieg;

“Bl-ispejjez kontra l-intimand ingunt minn issa in subizzjoni;

“Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

“Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li in forza taghha eccepixxa : (fol. 24)

1. “Fl-ewwel lok, in linea preliminari u b’riferenza partikolari ghad-digriet ta’ din il-Qorti fl-atti odjerni, tat-13 ta’ Novembru 2012, il-monorenni Karl u Kurt ahwa Borg, ma ghandhomx l-interess guridiku mehtieg sabiex joqghodu f’din il-kawza qua atturi;

2. “Fit-tieni lok, riferibbilment ghall-ewwel talba attrici, il-konvenut jaqbel illi ghandha tigi ppronunzjata l-firda personali bejn il-kontendenti izda dan mhux ghal ragunijiet imputabbli lilu kif

premessi mill-attrici fir-rikors guramentat taghha. Riferibbilment ghal din l-ewwel talba, hija l-attrici illi ghandha tigi meqjusa responsabbli ghall-firda bejn il-kontendenti u dan stante illi hija rrendiet ruhha responsabbli, fil-konfront tal-konvenut, ta' *inter alia*, adulterju, eccessi, mohqrija, theddid u offiza gravi; il-hajja flimkien tal-kontendenti ma ghadhiex aktar possibbli ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-attrici;

3. "Fit-tielet lok, riferibbilment ghat-tieni talba attrici, u tenut kont ic-cirkostanzi tal-impjieg tieghu, il-konvenut jaqbel illi l-attrici tigi fdata bil-kura u kustodja taz-zewg ulied minorenni Karl u Kurt ahwa Borg, dan ukoll purche' huwa jinghata drittijiet ta' access adegwat ghal uliedu minorenni;

4. "It-tielet talba attrici ghadha tigi michuda stante illi : (a) l-attrici ddekadiet mid-dritt taghha illi titlob retta alimentari minghand il-konvenut u fi kwalunkwe kaz ma jikkonkorrux l-elementi legali sabiex din il-Qorti taddixxi ghal din it-talba attrici; (b) il-konvenut, fir-rispett tat-tlett uliedu, dejjem ottempora ruhu mad-dispost tal-Artikolu 3B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. "Fir-raba' lok, riferibbilment ghar-raba' talba attrici, il-konvenut jaqbel illi l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti ghandha tigi ddikjarata xjolta, likwidata u diviza; f'dan ir-rispett, kwalunkwe konsiderazzjoni ta' responsabbilita ta' wiehed jew l-ohra mill-partijiet. Illi ser taghmel din il-Qorti fix-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, ghandha tkun limitata ghar-responsabbilta tal-attrici;

6. "Il-hames talba attrici ghandha wkoll tigi michuda stante illi ma jikkonkorrux l-estremi legali ghall-applikazzjoni tad-dispost tal-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Fi kwalunkwe kaz, kif fuq intqal, hija l-attrici illi ghandha tigi meqjusa responsabbli ghall-firda bejn l-kontendenti, id-dispost tal-Artikolu msemmi, ghandu, semmai, jigi komminat ghalhekk fil-konfront taghha;

7. "Is-sitt talba attrici ghandha tigi michuda stante illi ma tezisti ebda raguni valida fil-Ligi il-ghaliex l-attrici ghandha tinghata d-dritt li tokkupa d-dar konjugali ad eskluzjoni tal-konvenut. Il-konvenut gie kostrett jallontana ruhu mill-fond matrimonjali; proprju ghalhekk, inaggjunta mal-hames eccezzjoni hawn sollevata, huwa ma ghandux jigi meqjus responsabbli ghall-hlas ta' somom dovuti, in konnessjoni mal-passiv marbut ma', u in konnessjoni mal-uzu / abitazzjoni tal-attrici, gewwa l-istess fond, mid-data illi l-konvenut ivvaka l-istess;

"Salv, *occorrendo*, ecezzjonijiet ulterjuri;

"Bl-ispejjez kontra l-attrici illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni, u b'riserva ta' kull azzjoni spettanti lill-konvenut;

"Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

"Rat l-affidavits kollha ppreżentati, u d-dokumenti magħhom annessi.

"Rat il-verbali, ix-xiehda prodotta u d-dokumenti esebiti waqt is-seduti miżmuma quddiem l-Assistenti Ġudizzjarji Dr. Nadia Vella u Dr. Anna Mallia.

"Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet iddatati s-6 t'April 2017 u s-7 t'Awwissu 2017 rispettivament.

"Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

"Ikkunsidrat:

"**KONSIDERAZZJONIJIET**

"Il-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi Borg b'dan illi r-rikorrenti taġixxi f'isimha proprju u f'isem binha minuri Kurt.[1]

"Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur tal-attriċi li permezz tagħha telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

- "Tiddikjara li kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-intimat minħabba ħtijiet imputabbli unikament lilu;
- "Għal dak li jirrigwarda l-minuri Kurt , tikkontendi li għandha tiġi fdata bil-kura u l-kustodja tiegħu;
- "Rigward manteniment, titlob retta alimentarja kemm għaliha kif ukoll għal uliedha;
- "Titlob it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u l-qasma tagħha;
- "Titlob l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenut;
- "Titlob li tkun awtorizzata tibqa' tirrisjedi fid-dar matrimonjali, flimkien m'uliedha u ad esklużjoni ta' żewġha;

1. "**<u>Dwar ir-Responsabilita` għat-Tkissir taż-Żwieġ</u>**

"L-attriċi tattribwixxi lil żewġha t-tortijiet tas-sevizzi u tal-inġurji gravi, kif ukoll l-inkompatibilita` ta' karattru bħala r-raġuni għall-isfaxxar taż-żwieġ tal-partijiet.

[1] Digriet iddatat 20 ta' Novembru 2014, fol. 306

"Dwar din l-ewwel talba tar-rikorrenti, il-Qorti fl-ewwel lok, tagħmel referenza għal Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula:

""***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***"".

"Permezz tal-affidavit tagħha[2], ir**-rikorrenti** tirrakkonta kif hija saret taf lill-intimat Christopher Borg meta kellha biss 14-il sena. Għamlu ħames snin għerusija u tlieta u għoxrin sena miżżewġin. Tgħid illi f'dawn is-snin taż-żwieġ ma kellhomx problemi serji. Tiddeskrivi lil żewġha bħala *"a hard working husband and a father who always treated his family with respect."*

"Il-problemi bdew meta l-konvenut, bħala uffiċjal tal-Forzi Armati ta' Malta, xtaq imur jaħdem f'missjoni ġewwa l-Georgia għal sena. Hija ma qablitx li huwa jħalli lill-familja għal perjodu daqstant twil, iżda huwa kkonvinċiha li l-familja setgħet tkun finanzjarjament aħjar u li hija saħansitra tkun tista' tieqaf taħdem. Tispjega li tul din is-sena hija batiet biex rabbiet lit-tliet uliedha li kienu fil-perjodu delikat tal-adoloxxenza u fl-istess ħin kienet qed tgħin lill-ġenituri tal-intimat li mardu.

"Tispjega li meta rritorna żewġha, mill-ewwel indunaw b'xi ħaġa mhux tas-soltu u saħansitra l-familjari tiegħu indunaw. Beda jgħidilha li ma jafx xi jrid mill-ħajja u telaq tliet darbiet mid-dar sakemm fi Frar 2012 telaq mid-dar definittivament. Hija baqgħet tistenna li jmur lura iżda dana ma ġarax u kellha taċċetta li l-ħajja tagħhom ma kinitx ser tkun aħjar. Fil-frattemp, anke l-relazzjonijiet intimi tagħhom marru lura. Beda ta' sikwit inaddaf il-pistoli u jgħidilha li kien ser ineħħi ħajtu. Qalilha wkoll li kien qed jikkonsidra jaqbeż mill-gallerija. Għalhekk bdiet tibża tafdah id-dar waħdu. Ma riedx ifittex għajnuna ta' tabib.

"Finanzjarjament ukoll spiċċat għall-agħar għaliex il-flus li qala' mill-missjoni ma kinitx taf x'sar minnhom. Lanqas ma kellha l-qligħ mill-impjieg tagħha peress li kienet telqet ix-xogħol tagħha fuq ix-xewqa ta' żewġha.

"Tinsisti li l-intimat telaq mid-dar mingħajr ebda ġustifikazzjoni u mingħajr ma ta raġuni lilha jew lil uliedha u għalhekk hija baqgħet b'ħafna mistoqsijiet. Uliedha wkoll urew sinjal ta' ribelljoni wara li telaq missierhom.

"Fl-affidavit ulterjuri tagħha[3], tas-27 ta' Ġunju 2013, l-attriċi tispjega kif fil-ħajja miżżewġa hija kienet tkun spiss weħidha peress li żewġha kien

---

[2] Ara fol. 47 tal-proċess et seq.
[3] Fol. 71

ikun xogħol. Hija dejjem ħadet ħsieb weħidha it-trobbija tat-tfal inkluż l-edukazzjoni tagħhom u l-attivitajiet extra-kurrikulari. Saħansitra fit-tqala, kienet tmur weħidha għand it-tabib għaliex il-konvenut ma kienx isib il-ħin, iżda l-ħin għalih biex joħroġ kien isibu dejjem.

"Tispjega wkoll fatt stramb li matul is-sena li kien barra, hija kienet tirċievi bukketti tal-fjuri mingħand xi ħadd Stephen u bukkett ieħor mingħand xi hadd Mark – persuni li hi ma tafhomx. Kienet tirċevihom fil-preżenza ta' żewġha u l-unika reazzjoni li kien jagħmel kienet li jagħmlilha sinjal biex tagħlaq ħalqha minħabba t-tfal. Darb'oħra mar raġel ħdejn il-bieb tad-dar u talabha n-numru tal-mobile iżda hi ma kellmitux. Dawn l-inċidenti waqfu meta żewġha telaq mid-dar matrimonjali.

"Permezz tal-affidavit tiegħu, ħu l-attriċi, **Mario Marlon Grech**[4] jgħid li l-konvenut huwa bniedem kwiet u riżervat u kien iqisu bħala "respectable husband", jaħdem anke żewġ xogħolijiet u jirrispetta lil martu. Dan kollu inbidel meta oħt ix-xhud, ossia l-attriċi, infurmatu li kien telaq. Huma tawha l-parir tipprova tirranġa r-relazzjoni tagħhom iżda minkejja li ppruvat, ma rnexxilhiex, għax huwa baqa' ma marx lura.

"Jixhed li l-iżgħar iben tal-partijiet Kurt qed jinkwiethom għax idum ħafna barra u ma jirnexxilhomx jagħmlu kuntatt ma' missieru l-konvenut.

"Jiddeskrivi lill-konvenut bħala bniedem fi stat ta' "long holiday" filwaqt li l-attriċi u wliedhom m'għandhomx biżżejjed x'jieklu u jiddependu mill-għajnuna tal-oħrajn.

"**Taina Grech**[5], tispjega illi l-partijiet kienu familja dedikata għat-trobbija t' uliedhom. Il-konvenut kien *"hard working and responsible husband"*. Dan kollu nbidel meta ġie lura mill-missjoni fil-Georgia. Hija kienet preżenti dakinhar mal-familja fl-ajruport biex jilqgħuh. Tixhed *"As he came through the customs door, we all noticed something was different. His face was cold, he was very silent. He did not greet and hug his family with warmth. The atmosphere was odd....".* Meta telaq mid-dar *"Michelle was in an emotional mess. She needed help so did the children. She had no husband, no money, no strength left. And on top of that, she had no explanation, none whatsoever, he never gave any reason why he left. This was very distressing for Michelle."* Tikkorrabora wkoll ix-xiehda ta' żewġha dwar iben il-partijiet Kurt fis-sens li dan jinsab għaddej minn żmien diffiċli minkejja li għandu biss ħmistax-il sena. Kemm hi u wkoll żewġha jieħdu nteress fil-ġuvnott iktar mill-istess missieru li mhux qed jagħmel kuntatt fiżiku miegħu iżda biss kuntatt bil-mobile.

"Bint il-partijiet, **Thea Borg**[6], tispjega kif inizjalment missierha kien ta'

[4] L-affidavit tiegħu jinsab fol. 52 et seq.tal-proċess.
[5] L-affidavit tagħha jinsab esebit fol. 54 tal-proċess.
[6] L-affidavit tagħha huwa esebit fol. 56.

eżempju tajjeb, jaħdem għall-familja u jirrispetta lil ommha *"who always used to caress, hug and compliment my mother."* ...sakemm mar il-missjoni tal-Georgia għal sena. Fil-bidu tal-istess missjoni, kien jitkellem magħhom ta' sikwit bl-iSkype u f'Diċembru ġie jarahom, fejn il-partijiet u wieħed mill-ulied marru fi btala ġewwa l-Ingilterra. F'Mejju reġa ġie jarahom, fejn il-partijiet marru btala ġewwa Milan u mbagħad il-konvenut qatta' tnax-il jum hawn Malta. Tgħid illi s'hawn kollox kien għadu sew. Kien fl-aħħar xahrejn tal-kuntratt li kollox mar għall-agħar. L-attriċi lmentat ma' bintha li missierha, cioe l-konvenut, ma kienx għadu l-istess u dan hi setgħet tħossu mil-messaġġi li kien jibgħatilha fejn qabel kien jibgħat "Good morning my beautiful wife" or "goodnight ġmiel" beda jibgħat "Gn hi". Meta wasal Malta fl-ajruport ikkonfermat il-ħsieb tagħha għaliex il-konvenut ma tantx beda jifraħ bihom. Id-dar beda jfittex il-ħin waħdu *"he always used to sit alone in the living room or better staring at the television as if there was something that was really making him worry."*

"Semgħetu jgħid lil ommha li "ħa jagħtiha għal isfel" mill-gallarija u li kellu depression. Kollha offrewlu l-għajnuna iżda hu rrifjutaha. Darba minnhom ix-xhud marret tieħu kafe ma' missierha u hi tkarrbitlu jgħidilha x'kien qed jinkwetah iżda hu qalilha li ħadd ma seta jifhmu[7] u li l-unika soluzzjoni kien li jitlaq mid-dar. Fil-fatt wara li telaq għal xi żmien għand il-ġenituri tiegħu, huwa telaq definittivament mid-dar matrimonjali fi Frar 2012.

"Dwar l-allegazzjoni ta' relazzjonijiet oħra, l-attriċi ma tiċħadx li kellha sieħeb, ċertu James Cutajar, li miegħu damet sitt xhur, u dana kien xi sena wara li telaq ir-raġel mid-dar. Iktar tard kienet f'relazzjoni ma' ċertu Simon Agius.[8]

"Permezz tal-affidavit tiegħu[9], il-**konvenut** jiċħad l-allegazzjoni ta' martu li hu mar il-Georgia fuq xewqa tiegħu, iżda jinsisti li din kienet parti mill-obbligi kontrattwali tiegħu. Jgħid li meta ġie lura Malta, ladarba kien serva barra minn Malta, seta jitlob li ma jibqax f'dik is-sezzjoni tal-armata, u effettivament huwa talab li jitneħħa minn hemm minħabba t-tgergir tal-mara.

"Il-konvenut ċaħad ukoll l-allegazzjoni li huwa xi darba ħallieha nieqsa mill-flus. Jgħid li sakemm kien il-Georgia, ħalla l-Cashlink tal-kont fejn kienet tidħollu l-paga ma' martu, u għalhekk hija setgħet tiġbed minnha kemm tixtieq. Huwa baqa' jħallas is-self marbut mar-rigal fuq id-dar tiegħu saħansitra wara li telaq mid-dar matrimonjali. Jgħid li anke meta ġie kostrett biex jitlaq, ħalla l-flus meħtieġa għal uliedu.

"Dwar x'ġara biex wasslu jħalli l-familja tiegħu u jabbanduna d-dar

---

[7] Ħadet l-impressjoni li l-problema setgħet kienet relatata mar-relazzjoni intima tal-ġenituri tagħha.

[8] Xhieda tal-attriċi mogħtija fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2015 mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fol. 340

[9] Fol. 373

matrimonjali huwa ma jgħid xejn u ma jipprovax jagħti spjegazzjoni. Dwar dan, skiet perfett min-naħa tal-konvenut.

"PRINĊIPJI LEGALI

"Fil-każ fl-ismijiet Elisa Thompson vs. Edward Thompson[10] ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

"Il-moħqrija, kif imsemmija fl-Artikolu 40 ġja ċċitat, bħala bażi għas-separazzjoni personali, ġiet ritenuta minn ġurisprudenza kostanti bħala "sevizzi".[11] Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**[12],** deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, ġie enunċjat illi: *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi".*

"Fis-sentenza ġja ċċitata fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, l-inġurji jew offiżi gravi ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz".*

"Fis-sentenza, ġja ċċitata, Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud, ġie ritenut "*l-inġurji gravi ma ġewx speċifikament deżinjati mid-duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom."*

"Il-Qorti tosserva illi x-xiehda miġjuba mill-attriċi dwar il-bdil tal-atteġġjament tal-konvenut, wara l-wasla tiegħu mill-Georgia, bl-ebda mod m'hija kontradetta, lanqas mill-konvenut innifsu. Illi għaldaqstant m'hemm l-ebda raġuni valida għaliex il-Qorti ma temminx din ix-xiehda konsistenti u cioe li l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali mingħajr ma ta xi raġuni valida għal dak li kien qiegħed jiġri. Fis-sena li kien qiegħed jaħdem barra minn Malta, ġara xi ħaġa biex biddlitu minn raġel tajjeb tal-familja, kif iddiskrevewh ix-xhieda, għal bniedem distakkat minn martu u uliedu.

"Fil-mori tal-proċeduri, wara li kien ilu numru ta' snin nieqes mid-dar, il-konvenut jallega li t-tluq tiegħu mid-dar matrimonjali kien relatat mar-

[10] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[11] Ara s-Sentenza fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[12] Vol. XLV C.ii.708

relazzjoni adultera ta' martu[13]. Il-Qorti tosserva li l-attriċi ma tinnegax li hija daħlet f'żewġ relazzjonijiet wara t-tluq ta' żewġha mid-dar iżda dan kien wara sena tat-tluq tiegħu u mhux sakemm kien il-Georgia. Illi għalhekk ir-relazzjoni tal-attriċi ma' terzi ma kinitx il-kawża tat-tkissir taż-żwieġ bejn il-partijiet.

"Illi l-agir tal-konvenut, illi ħalla lil martu u lil uliedu, kiesaħ u biered wara tlieta u għoxrin sena żwieġ, bla dubju kien ta' moħqrija fuq l-attriċi. Illi l-abbandun tal-familja tant jikkonsisti f'aġir sevizzjuż, illi l-liġi stess tpoġġih bħala kawżali distint għall-pronunzjament tas-separazzjoni u dana permezz tal-Artikolu 41 tal-Kodiċi Ċivili illi jistipula: ***41. Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba.***

"Kemm mid-diċitura tal-artikolu u wkoll minn ġurisprudenza kostanti tagħna jirriżulta illi l-kriterji sabiex azzjoni taħt din il-kawżali tirnexxi huma tnejn: l-ewwel illi l-abbandun idum għal sentejn jew iżjed, it-tieni li l-abbandun iseħħ mingħajr raġuni tajba.

"Fil-kawża Andrea Avellino vs. Regina Avellino,[14] insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: *"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriċċuż, u mhux ġustifikat minn xi motiv raġjonevoli."*

"Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe.[15] fejn il-Qorti sostniet illi:- "*Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun inġust fiż-żmien tiegħu kollu ta' sentejn..."*

"Illi l-attriċi għażlet illi ma tinvokax l-Artikolu 41, minkejja li l-każ tagħha huwa każ klassiku ta' abbandun. In-nuqqas ta' referenza tal-attriċi għall-Artikolu 41 ma jnaqqas xejn mill-fatt illi l-abbandun imwettaq mill-konvenut jikkonsisti f'aġir sevizzjuż fil-konfront ta' martu li kkawżalha wkoll inġurja gravi.

[13] L-ewwel darba li jagħti din l-ispjegazzjoni, fil-fatt huwa fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tiegħu.
[14] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru 1949.
[15] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar 1961.

"Konsegwentement, hija fehma tal-Qorti illi hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bit-tort attribwibbli lill-konvenut.

**2.** "**Dwar il-Kura u Kustodja u Aċċess tal-minuri Karl u Kurt**

"Illi f'Settembru 2012, meta ġew intavolati l-proċeduri, ulied il-partijiet Karl u Kurt, kellhom sbatax-il sena u ħmistax-il sena rispettivament u għalhekk kienu għadhom minuri. Sal-lum, Karl għalaq tnejn u għoxrin sena filwaqt illi Kurt, għalaq l-għoxrin sena tiegħu u għalhekk it-tnejn m'għadhomx taħt l-eta`. Illi għalhekk m'għadx baqa' kwistjonijiet ta' kura u kustodja tal-ulied minuri bejn il-partijiet.

3. "**Dwar il-Manteniment tal-attriċi u tal-ulied minuri**

"L-attriċi qiegħda titlob manteniment kemm għaliha, kif ukoll għal uliedha. Kif intqal, it-tliet ulied tal-partijiet huma sal-lum ilkoll maġġorenni. M'hemm xejn fl-atti proċesswali illi jindika illi xi ħadd minnhom għadu qiegħed jistudja b'mod fiss. Il-partijiet fin-noti ta' sottomissjonijiet finali tagħhom jgħidu illi uliedhom jaħdmu. Illi għalhekk m'hemmx lok ta' ordni ta' ħlas ta' manteniment għaż-żamma tagħhom.

"L-attriċi titlob ukoll manteniment għaliha. L-attriċi ma taħdimx. Waqfet taħdem f'Ottubru 2014 sabiex tgħin fit-trobbija tat-tifel tat-tifla tagħha li kellu sentejn u nofs dak iż-żmien u dana stante li bintha taħdem bħala għalliema.[16] Hija tirċievi l-benefiċċji soċjali konsistenti f'assistenza soċjali li flimkien teċċedi s-€6,000 fis-sena[17]. Sakemm it-tfal għalqu sittax-il sena, l-attriċi kienet tipperċepixxi wkoll iċ-*children's allowance*.

"Rigward il-mezzi u l-introjtu tal-konvenut, l-attriċi pproduċiet bħala xhud lil **Joseph Magri**[18], Board Officer inkarigat mis-salarji mħallsa mill-Forzi Armati. Dana spjega illi l-konvenut Christopher Borg huwa impjegat mal-Armata fir-rank ta' bombardier u esebixxa dokumenti li juru id-dħul tiegħu: Fl-2013 il-konvenut kellu qliegħ nett ta' €16,081[19], fis-sena 2012 il-qligħ nett kien ta' €15,318[20], fis-sena 2011 il-qligħ nett kien ta' €14,728[21], fis-sena 2010 il-qligħ nett kien ta' €16,113[22] u fis-sena 2009 il-qligħ nett kien ta' €14,430[23].[24] L-istess xhud spjega wkoll illi meta l-konvenut kien ippostjat fis-C Section kien jingħata pakkett ieħor oltre s-salarju. Il-konvenut ma baqax ippostjat fis-C Section.

[16] Xhieda tal-attriċi mogħtija fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2015 miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fol. 339
[17] Xhieda ta' Saviour Theuma mogħtija fis-seduta tat- 22 ta' Marzu 2016 miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fol. 359
[18] Xhieda mogħtija fis-seduta miżmuma fis-26 ta' Frar 2014 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Nadia Vella, fol. 68
[19] Minn €18,812 gross, naqqas €1,037 taxxa u €1694 kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Soċjali
[20] Minn €17,858 gross, naqqas €894 taxxa u €1646 kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Soċjali
[21] Minn €17,039 gross, naqqas €771 taxxa u €1540 kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Soċjali
[22] Minn €18635 gross, naqqas €1010 taxxa u €1512 kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Soċjali
[23] Minn €16,493 gross, naqqas €689 taxxa u €1374 kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Soċjali
[24] Dawna jirriżultaw mill-FS3s esebiti mill-istess xhud fol. 73 et seq.

"Dwar dawn il-pakketti xehed il-**Kaptan Amadeo Busuttil**.[25] Mid-dokument minnu esebit[26] irriżulta li l-konvenut irċieva €1,617 fl-2009[27] u €2542 fl-2010[28]. Dawn l-ammonti m'humiex taxxabbli. Dwar il-missjoni tal-Goergia din tħallset mill-Unjoni Ewropea direttament u m'għaddewx fondi tramite l-Forzi Armati ta' Malta u għalhekk ix-xhud ma kienx jaf kemm kienu l-allowances illi rċieva l-konvenut għal dik il-missjoni, għalkemm huwa stima li rċieva €99 kuljum li minnhom kellu jħallas għall-akkomodazzjoni, l-ikel u spejjeż oħra.

"Mid-dokumenti esebiti mill-uffiċċjali tal-Bank of Valletta p.l.c.[29] partikolarment id-dokument BOV 3[30], jirriżulta illi fil-perjodu li l-konvenut kien il-Georgia u cioe minn Settembru 2010, il-konvenut kien qiegħed jirċievi s-somma fl-inċirka ta' €2,400 fix-xahar mill-"EU Monitoring Mission".

"Dwar it-talba tar-rikorrenti għall-manteniment, jiġi rilevat illi l-attriċi anke jekk preżentement m'hijiex taħdem, fil-passat ġieli ħadmet, anke b'mod fiss. F'dan l-istadju, hija għandha l-potenzjal kollu li terġa' toħroġ taħdem sabiex iżżomm lilha nnifisha materjalment. Hija mara bieżla u m'għandha ebda diffikulta` jew impediment sabiex tkompli taħdem u taqla' l-għixien tagħha bħal ħaddieħor. Inoltre, ulied il-partijiet huma kbar u għalkemm xorta waħda jkollhom bżonn l-assistenza t'ommhom, ċertament l-istess assistenza li hija tagħtihom volontarjament, ma tistax timpediha milli tmur taħdem.

"Madankollu m'hemmx dubju illi l-introjtu tal-konvenut jeċċedi sewwa dak li tista' taqla' l-attriċi bil-ħidma tagħha, stante illi l-attriċi tista' tagħmel xogħolijiet li jattiraw introjtu baxx bħalma huma *cleaner, labourer* jew *dishwasher*. Jirriżulta mill-*employment history* tagħha[31] illi hija dejjem għamlet dan it-tip ta' xogħol, għalkemm fl-atti proċesswali m'hemm l-ebda indikazzjoni tal-introjtu tagħa minn tali impjieg. Min-naħa l-oħra l-konvenut huwa kapaċi jaqla' iktar minn €1500 fix-xahar. Illi għalhekk fil-fehma tal-Qorti, ikun ġust li l-konvenut jikkontribwixxi manteniment lejn martu sabiex dina jkun jista' jkollha livell aħjar t'għixien, li jkun iqarreb aħjar il-livell t'għixien tal-konvenut. Illi għalhekk il-Qorti qiegħda tistabilixxi s-somma mensili ta' mija u ħamsin Ewro (€150) bħala manteniment għall-attriċi pagabbli mingħand żewġha l-konvenut.

**4.** "**Dwar it-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti**

[25] Xhieda mogħtija fis-seduta miżmuma fid-29 t'April 2014 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Nadia Vella, fol. 83

[26] Fol. 91

[27] €1065 minn missjoni ta' 24 ġurnata fil-Greċja u €552 minn training ta' 24 jum fl-Italja

[28] f'missjoni ta' 31 jum fil-Greċja

[29] Is-sur Romuald Attard li xehed fis-seduta tad-29 t'April 2014 miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Nadia Vella, fol. 80

[30] Fol. 116

[31] Fol. 360

"Dwar l-aspett patrimonjali, l-attriċi[32] tistaqsi x'sar minnhom il-flus li żewġha qala' fuq il-missjoni fil-Georgia. Tgħid illi hija wirtet darbtejn mingħand il-familja tagħha – darba s-somma ta' €4,900 u darb'oħra ta' €1,500. Iktar tard, wirtet somma oħra ta' €2,000. Mill-flus li wirtet, fl-2009 hija għamlet operazzjoni ta' *breast implants*.

"Meta żewġha telaq għal rasu, hija spiċċat finanzjarjament imkissra u kellha tbiegħ xi deheb biex hija setgħet tgħajjex il-familja tagħha. Kellha tħallas tliet pagamenti tal-karozza li kienu waqgħu b'lura u dan bl-għajnuna ta' ħuha Mario. Isselfet mingħandu s-somma ta' €700 u ħallsitu bil-mod. Hija batiet ferm biex tlaħħaq mal-ħajja ta' kuljum, mal-kontijet tad-dawl u l-ilma, l-kera u xi mediċini li ġew bżonn.

"Tinsisti li l-oġġetti li hemm fid-dar matrimonjali saru bil-ħila u l-għaqal tagħha peress li żewġha qatt ma ried jagħmel xejn fid-dar billi kienet mikrija. Il-konvenut ma xtaqx jagħmel spejjeż fiha iżda hi ma riditx tħalliha vojta ladarba riedu jgħixu fiha. Il-konvenut kellu nteress li jixtri r-residenza tal-ġenituri tiegħu iżda hija kienet tirrifjuta li tmur tabita magħhom b'mod definittiv, għaliex meta għexet magħhom għal seba' xhur la hi u lanqas it-tfal ma kienu komdi.

"Inoltre żżid li hija kella bħala assi parafernali żewġ magni tal-ħjata li wirtet mingħand ommha u qegħdin għand omm ir-raġel u l-konvenut qiegħed jirrifjuta li jagħtihomlha[33].

"Irriżulta mix-xiehda ta' Dr. Ylenia Micallef Grimaud[34] illi l-konvenut għandu polza tal-assigurazzjoni ma' MSV Life tat-tip Retirement Plan with Loan Protection Rider liema polza huwa bdieha fl-10 ta' Lulju 2009 u li l-benefiċċjarju tagħha hija ċerta Karen Azzopardi[35]. Is-*surrender value* ta' din il-polza f'Ottubru 2015, kien ta' €4093.54. Mid-dokument MSV2[36] jirriżulta li l-konvenut kellu polza bin-numru 31043 liema polza ġiet magħluqa u s-somma ta' €3274.69 ġiet imħallsa lill-konvenut permezz ta' ċekk iddatat is-26 ta' Novembru 2014[37]. Il-konvenut ikkonferma li kien hu li sarraf l-istess ċekk[38]. L-istess polza kienet biss f'isem il-konvenut u l-attriċi ma kinitx firmatarja. Id-dokument esebit mill-attriċi[39] huwa biss stima, u ma tressqitx prova ta' xi polza li ġiet inizjata fl-istess żmien tal-istima.

---

32 Affidavit ulterjuri tal-attriċi fol. 71
33 Xhieda tal-attriċi mogħtija fis-seduta tat-2 t'Ottubru 2015 mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fol. 323
34 Xhieda mogħtija fis-seduta tas-27 t'Ottubru 2015 miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fol. 330
35 Dok. MSV 4, fol. 337
36 Fol. 335
37 Fol. 333
38 Kontro-eżami tal-konvenut fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2016 miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fol. 400
39 Fol. 404

"Formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, il-partijiet għandhom ukoll vettura tat-tip Toyota Vitz bin-numru tar-reġistrazzjoni LCJ912 reġistrata f'isem ir-raġel[40]; Il-vettura li kienet manifatturata fis-sena 2000, ġiet akkwistata mill-partijiet fil-25 ta' Jannar 2006. Għandhom ukoll vettura tat-tip Citroen C1 bin-numru tar-reġistrazzjoni MIC970 reġistrata f'isem il-mara[41]; Il-vettura li kienet manifatturata fis-sena 2009, ġiet akkwistata mill-partijiet fil-26 ta' Jannar 2015. Provi dwar il-valur ta' dawn il-vetturi ma nġibux.

"Permezz ta' dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu[42], il-konvenut, spjega kif nefaq is-somma li pperċepixxa mill-Georgia li kienet tammonta għal ċirka €36,000:

"€550 – biex ġie darbtejn hawn Malta;

"€7000 – biex marru vaganza l-Ingilterra hu, martu u żewġ uliedu;

"€2000 – biex marru vaganza Milan hu u martu;

"€3500 – biex it-tifla tagħmel operazzjoni biex tkabbar sidirha[43];

"Il-kumplament nefaqhom għall-akkomodazzjoni tiegħu, dawl u ilma (heating tal-flat), ikel u internet. Għadda wkoll flus lil martu oltre l-paga li kien jirċievi minn Malta, meta din il-paga ma servithiex.

"Dwar din is-somma, il-konvenut jinsisti li ġiet minfuqa kollha fiż-żwieġ, filwaqt illi l-attriċi tinsisti li l-konvenut baqagħlu f'idejh mill-inqas €15,000. Il-Qorti tosserva li l-konvenut ta rendikont ta' kif nefaq €12,320. Dwar dak li nefaq għall-ħajja fil-Georgia, l-Qorti ma tistenniex irċevuti għall kull ħaġa bħalma huwa l-ikel; iżda tqis li setgħet inġiebet prova minima u iktar konkreta ta' xi tħallas f'kera u utilitajiet ta' dawl, ilma u internet. Il-prova ta' x'nefaq minn din is-somma formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti kienet tispetta lill-konvenut. Kollox tħalla għad-diskrezzjoni tal-Qorti li tqis li kien raġjonevoli li l-konvenut nefaq fl-inċirka ta' elf Ewro (€1,000) kull xahar għall-għixien tiegħu, biex b'hekk is-somma ta' €24,000 hija sostanzjata. Għaldaqstant, jifdal is-somma ta' €12,000 li ma ntefqitx fiż-żwieġ u għadha tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

"Illi għalhekk, mill-assjem tal-provi miġbura, jirriżulta illi l-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti huma s-segwenti:

---

[40] Dok TM1 esebit minn Stephen Cachia rappreżentant ta' Transport Malta fis-seduta tat-2 ta' Ġunju 2016 miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fol. 383
[41] Dok TM2 esebit minn Stephen Cachia rappreżentant ta' Transport Malta fis-seduta tat-2 ta' Ġunju 2016 miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fol. 388
[42] Fol. 399
[43] Effettivament l-attriċi ressqet provi li jindikaw li din l-operazzjoni swiet €2,770 u mhux €3,500 fol. 428

- “Mobbli fid-dar matrimonjali (li la huma deskritti u lanqas huma valutati);
- “polza tal-assigurazzjoni tat-tip Retirement Plan with Loan Protection Rider liema polza fl-2015 kienet tiswa ta’ €4093.54;
- “is-somma ta’ €3274.69 mħallsa lill-konvenut mal-egħluq tal-polza bin-numru 31043;
- “vettura tat-tip Toyota Vitz bin-numru tar-reġistrazzjoni LCJ912 reġistrata f’isem ir-raġel;
- “vettura tat-tip Citroen C1 bin-numru tar-reġistrazzjoni MIC970 reġistrata f’isem il-mara;
- “bilanċ ta’ €12,000 mis-somma ta’ €36,000 li l-konvenut ipperċepixxa mill-missjoni tal-Georgia;
- “diversi kontijiet bankarji mal-Bank of Valletta p.l.c.

“Bis-saħħa tal-preżenti, l-Qorti qiegħda tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi Borg u tassenjaha kif ġej:

“Tassenja lill-attriċi:

- “l-mobbli kollha li jinsabu fid-dar matrimonjali;
- “il-vettura tat-tip Citroen C1 bin-numru tar-reġistrazzjoni MIC970;
- “is-somma ta’ elfejn u sitt mitt Ewro (€2,600)[44] li l-konvenut qiegħed jiġi ordnat iħallas lill-attrici, rappreżentanti nofs il-valur tal-polza tal-assigurazzjoni numerata FP448843;
- “is-somma ta’ elf u sitt mitt Ewro (€1,600) li l-konvenut qiegħed jiġi ordnat iħallas lill-attrici, rappreżentanti nofs il-valur tal-polza tal-assigurazzjoni numerata 31043;
- “kwalunkwe depożiti u/jew żbilanċi f’kontijiet bankarji intestati f’isimha weħidha;
- “is-somma ta’ ħamest’elef Ewro (€5,000) li l-konvenut qiegħed jiġi ordnat iħallas lill-attrici, rappreżentanti sehemha mill-bilanċ tal-introjtu mill-missjoni tal-Georgia;

“Tassenja lill-konvenut

[44] Il-Qorti tistma li bil-pagamenti li saru sal-preżenti fuq din il-polza, il-valur tagħha jlaħħaq mill-inqas mal-€5,200.

- “Il-vettura tat-tip Toyota Vitz bin-numru tar-reġistrazzjoni LCJ912;

- “Il-polza tal-assigurazzjoni numerata FP448843 tat-tip Retirement Plan with Loan Protection Rider ma’ MSV Life reġistrata f’isem il-konvenut;

- “kwalunkwe depożiti u/jew żbilanċi f’kontijiet bankarji intestati f’ismu waħdu;

- “is-somma ta’ €7,000 li baqa’ mis-somma li pperċepixxa mill-missjoni fil-Georgia; Din is-somma hija ikbar minn dik li qed tiġi assenjata lill-attriċi tenut kont li l-mara qed tiġi assenjata l-mobbli kollha tad-dar matrimonjali u tenut kont ukoll li hija qed tiġi assenjata vettura aħjar minn tal-konvenut;

“Inoltre il-Qorti tordna li kwalsiasi kontijiet bankarji li huma konġunti bejn iż-żewġ partijiet jingħalqu, bid-depożiti u/jew żbilanċi tagħhom fid-data tal-preżenti, jinqasmu fi kwoti ndaqs bejn il-partijiet;

5. “**Dwar id-Dar Matrimonjali**

“Id-dar matrimonjali ġiet stabbilita mill-partijiet fl-indirizz 48/6, Honeybun Flats, Triq il-Kapuċċini, San Ġwann.

“L-attriċi tikkonferma li din id-dar jokkupawha b’titolu ta’ kera. Il-kera tiswa €1005 fis-sena. Din ix-xhieda m’hijiex kontradetta. Fil-post jabitaw l-attriċi u żewġ uliedha subien.[45]

“Il-Qorti hija tal-fehma illi ladarba l-konvenut telaq minn jeddu minn din id-dar u hemmhekk abbanduna lil martu u lil uliedu, l-istess dar, b’effett mill-preżenti, m’għandhiex tibqa’ tikkostitwixxi d-dar taż-żwieġ tal-partijiet. Il-konvenut ma joġġezzjonax li tkun l-attriċi li tibqa’ tirrisjedi fl-imsemmija dar.[46]

“Bis-saħħa tal-preżenti, il-Qorti qiegħda tawtorizza lill-attriċi tgħix fl-istess dar bl-esklużjoni tal-konvenut. Kwalsiasi drittijiet fuq l-imsemmija dar, inkluż id-drittijiet ta’ lokazzjoni, qed jiġu assenjati unikament lill-attriċi, li qed tiġi assenjata wkoll esklussivament kwalsiasi rigal ossija premium, li jista’ jkun dovut lilha jekk hija titlaq mill-imsemmija residenza.

6. “**Dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 48 et seq tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenut**

“Kif diġa ntqal fl-ewwel parti ta’ din is-sentenza illi trattat ir-responsabilita` tat-tkissir taż-żwieġ, iż-żwieġ bejn il-partijiet konjuġi

[45] Xhieda tal-attriċi mogħtija fis-seduta tal-24 ta’ Novembru 2015 mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fol. 339

[46] Nota ta’ sottomissjonijiet finali tal-konvenut, paragrafu 29.

Borg sfaxxa għal ħtijiet imputabbli lill-konvenut illi rrenda ruħu ħati ta' sevizzi u nġurji gravi fil-konfront tal-attriċi.

"Dan it-tort imputabbli lill-konvenut huwa komminat fl-Artikolu 40 u għalhekk il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-Kodiċi Ċivili, jekk tapplikax id-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 et seq.

"L-Artikolu 48 jistipula: ***48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –***

"***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[47];***

"***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***

"***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***

"***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***

"Il-Qorti hija tal-fehma illi għandha tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha appena ċċitati, anke tenut kont li s-sevizzi komminati mill-konvenut kienu jikkonsistu fl-abbandun tal-familja, u tistabbilixxi d-data tad-29 ta' Frar 2012 bħala d-data minn meta l-konvenut kien ħati tal-firda.

"Il-Qorti m'hijiex ser tuża d-diskrezzjoni tagħha sabiex tapplika l-istess effetti fil-konfront tal-attriċi għajr illi għal raġunijiet prattiċi, qiegħda bis-saħħa tal-preżenti tiddikjara li l-attriċi tilfet id-drittijiet suċċessorji talvolta naxxenti miż-żwieġ tagħha mal-konvenut.

"<u>**DEĊIDE**</u>

"Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

"[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi Borg, bi ħtijiet imputabbli unikament lill-konvenut;

---

[47] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

“[2] Tastjeni milli tieħu kwalsiasi deċiżjoni dwar it-tieni talba in viżta li l-ulied, sal-preżenti, saru maġġorenni;

“[3] Tilqa’ it-tielet talba tar-rikorrenti limitatament, billi tiċħad it-talba għall-manteniment tal-ulied, iżda tilqagħha in kwantu l-attriċi titlob manteniment għaliha u konsegwentement tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi is-somma ta’ mija u ħamsin Ewro (€150) kull xahar rappreżentanti manteniment għall-attriċi;

“[4] Tilqa’ r-raba’ talba attriċi u konsegwentement tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-partijiet konjuġi Borg, u tassenjaha kif ġej:

“Tassenja lill-attriċi:

- “l-mobbli kollha li jinsabu fid-dar matrimonjali;

- “il-vettura tat-tip Citroen C1 bin-numru tar-reġistrazzjoni MIC970;

- “is-somma ta’ elfejn u sitt mitt Ewro (€2,600) li l-konvenut qiegħed jiġi ordnat iħallas lill-attrici, rappreżentanti nofs il-valur tal-polza tal-assigurazzjoni numerata FP448843;

- “is-somma ta’ elf u sitt mitt Ewro (€1,600) li l-konvenut qiegħed jiġi ordnat iħallas lill-attrici, rappreżentanti nofs il-valur tal-polza tal-assigurazzjoni numerata 31043;

- “kwalunkwe depożiti u/jew żbilanċi f’kontijiet bankarji intestati f’isimha weħidha;

- “is-somma ta’ ħamest’elef Ewro (€5,000) li l-konvenut qiegħed jiġi ordnat iħallas lill-attrici, rappreżentanti sehemha mill-bilanċ tal-introjtu mill-missjoni tal-Georgia;

“Tassenja lill-konvenut:

- “Il-vettura tat-tip Toyota Vitz bin-numru tar-reġistrazzjoni LCJ912;

- “Il-polza tal-assigurazzjoni numerata FP448843 tat-tip Retirement Plan with Loan Protection Rider ma’ MSV Life reġistrata f’isem il-konvenut;

- “kwalunkwe depożiti u/jew żbilanċi f’kontijiet bankarji intestati f’ismu waħdu;

- “is-somma ta’ €7,000 li baqa’ mis-somma li pperċepixxa mill-missjoni fil-Georgia;

> "Inoltre il-Qorti tordna li kwalsiasi kontijiet bankarji li huma konġunti bejn iż-żewġ partijiet jingħalqu, bid-depożiti u/jew żbilanċi tagħhom, <u>fid-data tal-preżenti</u>, jinqasmu fi kwoti ndaqs bejn il-partijiet;
>
> "Imgħax legali jiddekorri fuq kwalsiasi ammont li huwa dovut skont din is-sentenza lil xi parti mill-parti l-oħra, b'effett minn għoxrin (20) jum mill-preżenti, sad-data tal-pagament effettiv.
>
> "[5] Tilqa' l-ħames talba attriċi billi tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili; Tiddikjara li l-attriċi tilfet id-drittijiet suċċessorji talvolta naxxenti miż-żwieġ tagħha mal-konvenut.
>
> "[6] Tilqa' is-sitt talba attriċi u tiddikjara illi l-appartament 48/6, Honeybun Flats, Triq il-Kapuċċini, San Ġwann, m'għandux jitqies iktar bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet;
>
> "Bl-ispejjeż kontra l-konvenut".

Minn din is-sentenza appella l-konvenut li talab il-varjazzjoni taghha billi takkolla l-htija ghat-tkissir taz-zwieg lill-appellata, tichad it-tielet talba kollha u timmodifika l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u tikkomina kontra l-appellata l-effetti tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16; l-appellata talbet l-konferma tas-sentenza.

**AGGRAVJI**

L-appellant kif inghad qed jitlob li l-Qorti taghti l-htija ghat-tkissir taz-zwieg lill-appellata. Meta qed jaghmel hekk l-appellant qed jitlob bdil sostanzjali fil-korp tas-sentenza peress li qed jitlob lill-Qorti tinverti t-tort ghat-tkissir tas-separazjoni minn fuqu ghal fuq l-appellata. Kif qalet din il-Qorti tal-Appell diversi drabi bhal fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer et v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-*

*diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti."* ; madankollu "*din il-Qorti pero` f'kaz tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja".* (**Attard et v. Direttur tas-Sahha**, Qorti tal-Appell, 30 ta' Mejju 2014).

Ghalhekk l-appellant talab li din il-Qorti tirrevedi parti mportanti hafna mid-decizjoni tal-ewwel Qorti u dan ghaliex fil-fehma tieghu l-appellata kienet hatja ta' adulterju fil-konfront tieghu. F'dan ir-rigward, kif inghad fis-sentenza "**Rose Gauci v. Salvatore Gauci**" (P.A. tal-1 ta' Ottubru 2002) - "*in vista tad-diffikolta` tal-prova tal-adulterju, l-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indizzji u cirkostanzi ohra li ma jhallu ebda dubju fil-gudikant".*

Fil-kaz in ezami ma hemmx dubbju li l-appellata kkommettiet adulterju tant li matul il-kors tal-kawza ammettiet li kellha relazzjoni ma' zewg irgiel. Kif inghad fis-sentenza "**Rose Gauci v. Salvatore Gauci**" (supra) *"… l-Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti s-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-*

*kawza fl-ismijiet” “**Rita Spiteri v. Avukat Dr. Albert V. Grech et noe**”. (P.A. Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita din il-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika”.(“**Rosina Micallef v. Angelo Micallef**” P.A. - 27 ta’ Gunju 1964.)* .

Din il-Qorti pero` taqbel mal-ewwel Qorti illi l-appellanti ghandu l-addebiti serji tieghu, u wara li ezaminat l-atti hija tal-fehma li kien l-agir tal-konvenut li inizjalment wassal ghat-tkissir taz-zwieg. Hija biss l-ammissjoni tal-appellata li twassal lil din il-Qorti biex tilqa’ din il-parti tal-aggravju ghaliex kif jirrizulta car mis-sentenza l-appellant ukoll ghandu htijiet sostanzjali u l-adulterju gie kommess **wara** li l-appellant abbanduna d-dar matrimonjali. Dan ghaliex l-allegazjonijiet ohra tieghu fosthom li l-appellata kkomettiet adulterju meta hu kien imsiefer fuq xoghol ma gewx sufficjentement pruvati kif anke qalet l-ewwel Qorti u skont l-Artikolu 562 tal-Kap. 12 –“*Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat”* kif jghid car u tond l-artikolu msemmi u kif gie ripetut diversi drabi f’diversi sentenzi (**Dr H Lenicker v. J Camilleri**, Prim’Awla 31 ta’ Mejju 1972 u **Peter Paul Aquilina v. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta’ Mejju 1995). Fuq kollox l-

appellata qatt ma abbandunat il-familja kif effettivament ghamel l-appellant u kif jirrizulta mill-istess sentenza appellata, anke jekk bl-agir sussegwenti taghha rrendiet il-possibilita` remota ta' rikonciljazzjoni mpossibbli.

**MANTENIMENT**

L-appellanti ghalhekk jilmenta li m'ghandux ikun ikkundannat ihallas manteniment bl-applikazzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kap. 12;

**48. (*1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-Artikoli 38 u 41 titlef –***

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-Artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;***

***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***

***ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun konsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-***

***żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-Artikolu 3;***

***(d) il-jedd li jġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***

L-Artikoli 38 u 41 imsemmija f'dan l-artikolu jsemmu appuntu l-adulterju u abbandun rispettivament.

L-Artikolu 51 u 52 jghidu;

**51.** ***Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-Artikolu 40, jista' jkollha l-effetti msemmijin fl-Artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom jgħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu.***

**52*****. Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċidi, skont iċ- ċirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 għandhomx jgħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx jgħoddu għal ħadd minnhom, jekk il wiehed u l-ohra jkunu htija ta' eghmil li jaghti lok ghal-firda.***

Din il-Qorti allura ghandha d-diskrezzjoni jekk tapplikax il-provvedimenti tal-Artikolu 48 jew le. Fil-kawza fl-ismijiet **Bugelli utrimque**, (26 ta' Marzu 1996) din il-Qorti cahdet it-talba ghal dekadenza mid-dritt tal-manteniment ghaliex fi kliemha, setghet "*tifhem is-sentiment taghha li oltreggjata bl-infedelta` ta' zewgha, ippruvat issib xi forma ta' konfort uman, f'relazzjoni illecita bhal ma ghamel hu".*

Fil-kaz imsemmi pero` l-konvenuta kienet ikkomettiet l-adulterju zmien wara li l-partijiet kienu sseparaw konsenswalment u li ghamlet biss xi xhur f'relazzjoni ma' ragel iehor; fil-kaz in ezami jidher li l-appellata dahlet f'relazzjonijiet differenti. Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tilqa' dan l-aggravju u thassar il-parti tas-sentenza fejn l-appellant gie kkundannat ihallas il-manteniment.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

L-appellant hawnhekk jilmenta fuq dan li gej;

L-ewwelnett fuq is-somma ta' 5,000 euro li gie ordnat ihallas lill-attrici bhala sehemha ta' bilanc tal-introjtu mill-missjoni tal-Giorgia. L-appellant isostni li f'dan ir-rigward l-appellata ma ressqitx provi sodisfacenti. Madankollu huwa ex admissis qala' 36,000 euro minn din il-missjoni u jirrizulta li minn dan ma hallas xejn lill-appellata li kienet intitolata ghal

nofs ir-rikavat; ghamlet sewwa allura l-Qorti illi assenjat parti minn dis-somma lill-appellata “abitrio boni viri”.

L-appellant ilmenta mbaghad dwar il-fatt li l-attrici giet assenjata s-somma ta’ 2,600 euro rapprezentanti nofs il-valur ta’ polza ta’ assikurazzjoni. Madankollu l-argument tieghu li din ghandha tigi assenjata kollha lilu ghaliex kien harigha biex jaghmel tajjeb ghad-dejn ta’ hu l-appellata huwa rrilevanti ladarba din inharget fi zmien li kienu mizzewgin u allura parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet. Dan japplika *mutatis mutandis* ugwalment ghall-polza l-ohra msemmija fir-rikors tal-appell u cioe` numru 31043.

Dawn kienu l-aggravji kontenuti fir-rikors tal-appell u l-Qorti ma tistax tiddelibera fuq kwistjonijiet ohra li saru waqt it-trattazzjoni orali tal-appell.

**DECIZJONI**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tilqghu biss fejn l-ewwel Qorti laqghet it-tielet talba tal-attrici ghall-manteniment u allura thassar biss dik il-parti u tichad it-talba attrici fir-rigward; ghal kumplament tikkonferma s-sentenza appellata kompriz il-kap tal-ispejjes.**

**L-ispejjes tal-ewwel Istanza ghalhekk kif deciz mill-ewwel Qorti dawk tal-appell kwart ($^1/_4$) mill-appellata u tliet kwarti ($^3/_4$) mill-appellant.**

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm